# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 18 ta' Novembru, 2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**
**vs.**
**Joseph Cutajar**
**Tonio (Anthony) Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Cutajar, 45 sena, bin Carmel Vincent u Maria Rosaria nee' Tabone, imwieled tal-Pieta', fis-26 ta' Dicembru, 1963, u residenti f'Ciklamina, no 3, Triq Straubenzi, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 37264M;

U Tonio (Anthony) Briffa, 43 sena, bin Saviour u Mary nee' Agius, imwieled tas-Sliema fis-26 ta' Gunju, 1965 u residenti 5, Triq il-Hnejja, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' numru 332065M

Akkuzati:

1. Talli f'Gunju 2008 f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jghamlu hsara lil xi persuna, u cioe' lill-Ispettur Yvonne Farrugia u/jew membri ohra fi hdan id-Dipartiment tal-

Investigazzjonijiet Kriminali tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, akkuzaw lil dawn il-persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienu jafu li dawn il-persuni huma innocenti.

2. Talli fl-istess dati u lokalitajiet bil-qerq holqu jew gieghlu li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l'quddiem jiswew bi prova kontra persuni ohra, u cioe' lill-Ispettur Yvonne Farrugia u/jew membri ohra fi hdan id-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, bil-hsieb li b'hekk dawn il-persuni jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat.
3. Talli fl-istess dati u lokalitajiet iddenunzjaw lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqu t-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Il-Qorti ghandha wkoll f'kaz ta' htija tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hatjin jservu bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja u bhala periti, f'kull kaz li jkun hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fil-21 t'April, 2009, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputati ma kellhom l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

## Il-Fatti

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-2008, l-Ispettur Yvonne Farrugia, li tahdem fi hdan l-Economic Crimes Unit tal-Pulizija, irceviet rapport minghand Rausi Insurance Agency Ltd (aktar il'quddiem imsejjha "Rausi", fejn gie allegat li ex-impjegat taghhom, certu Malcolm Ellul, li issa kien impjegat mas-socjeta Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd. (iktar il'quddiem imsejjha "MIB"), kien immisappropja fondi tas-socjeta kif ukoll li informazzjoni kunfidenzjali dwar klijenti ta' Rausi Insurance Agency Ltd. kienet qed tintuza minnu biex jingibdu klijenti godda ghal MIB.

2. Bhala parti mill-investigazzjoni taghha, l-Ispettur Yvonne Farrugia talbet lil Rausi sabiex tfornilha lista ta' dawk il-klijenti li kienu qed jissuspettaw li Malcom Ellul kien qed jikkuntattjahom u jissollecitahom sabiex ibiddlu s-socjeta tal-assigurazzjoni taghhom minn Rausi ghal MIB. Meta l-Ispettur Farrugia irceviet din il-lista ta' 54 klijent, hija ordnat lil WPC 304 Lorna Mifsud biex tikkuntatja lil dawn il-klijenti bit-telefon, u issaqsihom dwar l-assigurazzjoni, u cioe ma min kienu inxurjati qabel u ghaliex m'ghadhomx inxurjati ma' dik is-socjeta tal-assigurazzjoni, u kif kienu jhallsu u lil min kienu jhallsu l-ahhar. Minn din il-lista, WPC 304 irnexxielha tkellem 40 persuna.[1] Dan l-ezercizzju sar bejn l-ahhar ta' Mejju u l-bidu ta' Gunju 2008.[2]

3. Fost in-nies li kellmet WPC 304 kien hemm certu Gaetano Calleja, li fit-13 ta' Gunju 2008 mar ghand l-MIB u qal lil Malcolm Ellul li kienu cemplulu l-Pulizija fil-ghaxija u staqsewh jekk hux qed ikellmuh l-MIB jew jekk l-MIB hux qed jitolbuh biex isir assigurat taghhom.

4. Malcolm Ellul informa minnufih b'dan lill-imputat Joseph Cutajar, wiehed mid-diretturi tal-MIB, li a sua volta nforma lill-avukat difensur tal-MIB, Dottor Raymond Zammit.

[1] Ara xhieda ta' WPC304 Lorna Mifsud a fol 25 *et seq.* tal-process.
[2] Ara xhieda tal-Ispettur Yvonne Farrugia a fol. 14 tal-process.

5. Fuq livell civili, fit-18 t'April 2008, Rausi kien ipprezenta mandat ta' inibzzjoni kontra Malcolm Ellul u l-MIB biex ma jkellmux lista ta' klijenti li Rausi kienet qed tallega li kellha, kif ukoll ipprezenta rikors guramentat kontra l-istess persuni ghall-istess raguni. Fis-16 ta' Mejju 2008, dan il-mandat ta' inibizzjoni gie milqugh provvizorjament. Il-kawza ta' Rausi kienet pendenti u fl-20 ta' Mejju 2008 u fit-22 ta' Mejju 2008 gew ipprezentati r-risposti ta' Malcolm Ellul u l-MIB rispettivament.

6. Skond ix-xhieda tal-Avukat Dottor Raymond Zammit, l-imputat Joseph Cutajar inkwieta b'dak li Gaetano Calleja qal lil Malcom Ellul fit-13 ta' Gunju 2008, ghax l-imputat Cutajar haseb li Rausi kien qieghed igieghel lil xi nies jippuzaw bhala pulizija, meta ma kienu pulizija xejn u icemplu lil klijenti ta' Rausi biex isaqsuhom jekk kienux gew avvicinati mill-MIB, biex jippruvaw jonsbuhom li qed jiksru l-mandat ta' inibizzjoni.

7. L-Avukat Raymond Zammit kellem dak in-nhar stess lill-Kummissarju tal-Pulizija permezz tal-mobile, fejn spjegalu x'kien qal Gaetano Calleja, u staqsieh jekk kienx reat kriminali li persuna tikser mandat ta' inibizzjoni, stante li ksur ta' mandat ta' inibizzjoni igib mieghu penalitajiet ta' natura kwazi kriminali, inkluz habs. Il-Kummissarju wiegbu li dan ma kienx il-kaz, u qallu biex jghid lil MIB jikkomunikaw mieghu.

8. L-Avukat Zammit informa lill-imputat Cutajar b'dak li qallu l-Kummissarju tal-Pulizija. Peress li l-imputat Joe Cutajar kien tal-opinjoni li din kienet haga urgenti, u li ma kienx se jinghata appuntament mal-Kummissarju fi zmien qasir, iddecidew li jiktbu ittra lil Kummissarju datata 19 ta' Gunju 2008.[3]

9. F'din l-ittra, wara li taw ir-retroxena tal-kwistjoni civili u kummercjali bejn Rausi u MIB, l-imputati qalu li qed jibzghu li Rausi kienu qieghdin jippruvaw jiffremjawhom biex jippruvaw li MIB kienu kisru l-mandat ta' inibizzjoni, u li in vista ta' dak li qalulhom il-klijent Gaetano Calleja u klijenti ohra li kienu ircevew telefonati minghand is-CID, *"we fear that these two companies or one of them is trying to*

[3] Ara ittra ezebita bhala Dok YF a fol 20 tal-process.

*concoct proof against us, even by having people pose as police officers over the phone ... ...”*

10. L-ittra tkompli tghid *inter alia* hekk:

*“We have been told that Nigel Rausi had some very close friends at CID and he often used them to help solve certain claims.*

*We find it hard to believe that CID would of its own accord interfere in business affairs between companies, so if the persons phoning were truly from CID they were either abusing their powers (since there surely is no breach or allegation of breach of criminal law) or they are trying to help Rausi to make up a story that we had been trying to solicit business from Rausi.”*

11. L-Ispettur Yvonne Farrugia interrogat lill-imputat Joseph Calleja fl-24 ta’ Gunju 2008 – cioe ftit wara li ntbaghtet l-ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija – in konnessjoni mal-investigazzjoni li hija kienet qed taghmel fuq ir-rapport ta’ Rausi dwar l-agir allegatament illegali ta’ Malcolm Ellul.

12. Mill-provi prodotti, ma jirrizultax li l-imputat Joseph Calleja kien jaf bir-rapport li ghamel Rausi lil Pulizija fuq Ellul u l-investigazzjoni li qed issir dwaru, qabel ma gie interrogat fl-24 ta’ Gunju 2008. Lanqas jirrizulta li l-imputat l-iehor Tonio Briffa kien jaf b’dan qabel din id-data. Pero fl-interrogazzjoni tieghu tal-24 ta’ Gunju 2008, l-imputat Cutajar ammetta li Rausi kienet qed tallega li Malcolm Ellul kien ikkommetta misappropjazzjoni ta’ fondi ta’ Rausi, meta kien impjegat maghhom, u li rapprezentant tal-*underwriters* ta’ Lloyds fejn tah bordereaux li kien fil-passat ikkrea Rausi.[4]

13. Madwar l-istess zmien tal-interrogazzjoni tal-imputat Cutajar, il-Kummissarju tal-Pulizija talab lis-subordinati tieghu jinvestigaw il-kontenut tal-ittra tad-19 ta’ Gunju 2008, li kien ircieva minghand l-imputati ghan-nom ta’ MIB, u irrizulta li l-imputati

[4] Ara id-dikjarazzjoni tal-imputat Joseph Cutajar ezebita bhala fol. YF1 a fol. 22-23 tal-process.

kienu qed jirreferu ghall-investigazzjoni li kienet qed issir mill-Ispettur Yvonne Farrugia dwar ir-rapport li kienet ghamlet Rausi fuq Malcolm Ellul.[5]

14. L-Ispettur Yvonne Farrugia u/jew membri ohra fi hdan id-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali tal-Korp tal-Pulizija hassew ruhhom offizi bil-kontenut ta' din l-ittra tad-19 ta' Gunju 2008 li l-imputati baghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija, ghaliex huma kienu qed jaqdu d-doveri taghhom bhala pulizija li jinvestigaw r-rapport li ghamlet Rausi fuq Ellul, u konsegwentement l-imputati gew akkuzati bl-imputazzjonijiet fuq citati ta' kalunja, fabbrikazzjoni ta' evidenza u simulazzjoni ta' reat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

It-tlett imputazzjonijiet kontra l-imputati huma msejsa fuq l-ittra li huma kitbu lill-Kummissarju tal-Pulizija fid-19 ta' Gunju 2008.

Pero, kif sewwa rrileva l-abbli avukat difensur tal-imputati fit-trattazzjoni orali, dan huwa kaz li din il-Qorti trid tanalizza mil-lenti ta' x'kienu jafu l-imputati meta baghtu l-ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija u mil-lenti ta' x'kienet taf il-Pulizija. Sabiex l-imputati jinstabu hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda, bhal fil-kaz ta' kull reat iehor, il-Prosekuzzjoni trid tipprova, lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-*mens rea*, l-element formali.

Konsegwentement din il-Qorti hija obbligata li tiddetermina jekk jikkonkorrux l-elementi intenzjonali u l-elementi materjali tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati, a bazi ta' dak li l-imputati kienu jafu meta kitbu l-ittra fid-19 ta' Gunju 2008 lill-Kummissarju tal-Pulizija, u mhux abbazi ta' dak li l-ufficjali tal-Pulizija, u senjatament l-Ispettur Yvonne Farrugia u/jew membri ohra fi hdan id-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali tal-Korp tal-Pulizija (iktar il'quddiem imsejha "CID"), kienu jaf dak in-nhar.

[5] Ara xhieda tal-Ispettur Ivan Cilia a fol. 42 *et seq.* tal-process.

Mill-provi jirrizulta car li fid-19 ta' Gunju 2008, meta l-imputati kitbu l-ittra lill-Kummissarju, huma kienu konxji biss tat-talba ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni li Rausi kien ghamel kontra s-socjeta li taghha kienu diretturi, cioe MIB, u kontra l-ex impjegat taghhom Malcolm Ellul, sabiex ma javvicinawx klijenti ta' Rausi, u li din it-talba ghal hrug tal-mandat kienet intlaqghet mill-Qorti cirka xahar qabel.

Fix-xhieda taghha, l-Ispettur Yvonne Farrugia tirreferi ghad-dikjarazzjoni tieghu tal-24 ta' Gunju 2008, l-imputat Cutajar kien ammetta li rapprezenant ta' Lloyds kien tah lista tal-klijenti li kellu Rausi, mentri fl-ittra li baghat lill-Kummissarju, l-imputati jghidu li *"it must be stressed that these clients* (klijenti li kellhom qabel Rausi) *are unknown to MIB".* L-Ispettur Farrugia tirreferi wkoll ghal fatt li f'din id-dikjarazzjoni l-imputat Cutajar ammetta wkoll li kien konsapevoli li Rausi kienet qed tallega li meta kien impjegat maghha, Malcolm Ellul, kien ikkommetta misapproprjazzjoni ta' fondi ta' Rausi. Ghalhekk l-Ispettur Farrugia targumenta li ghalhekk l-imputat Calleja *"kien jaf li kien hemm certu investigazzjonijiet li setghu isiru mill-Pulizija u forsi jekk ma kienx jaf li l-pulizija bdietha, li kien jaf li hemm l-issue tal-misappropriation."*[6] Pero l-fatt li l-imputat Calleja kellu lista ta' xi klijenti li kellu qabel Rausi u li kienu assigurati mal-Lloyds u li kien jaf li Rausi kien qed jallega li Malcolm Ellul kien ikkometta r-reat ta' misapproprjazzjoni meta kien impjegat ma Rausi, certament mhix prova sal-grad rikjest fil-kamp kriminal – cioe l'hinn minn kull dubbju ragonevoli – li l-imputat Calleja kien jaf li Rausi kien diga ghamel rapport formali mal-Pulizija fejn allega li Ellul kien qed javvicina klijenti tieghu biex jassiguraw ruhhom mal-MIB u li kkommetta misapproprjazzjoni, u li is-CID kienet qed tinvestiga dan ir-rapport.

Ghalhekk mill-provi ma rrizultax sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li l-imputati kienu jafu bl-investigazzjoni li l-Ispettur Yvonne Farrugia u membri ohra fi hdan is-CID, kienu qed jaghmlu fuq Malcolm Ellul, wara r-rapport ta' Rausi.

Inoltre, mix-xhieda ta' Nigel Rausi, id-direttur ta' Rausi Insurance Agency, jirrizulta li minhabba n-natura tax-xoghol tieghu, hu kien ikollu kuntatt frekwenti ma' hafna mill-ispetturi li jahdmu fid-dipartiment tas-CID.[7]

[6] Ara xhieda tal-Ispettur Yvonne Farrugia a fol. 15 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Nigel Rausi a fol.40 tal-process.

Il-Qorti sejra issa tanalizza l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati wiehed, wiehed, fid-dawl tal-provi akkwiziti.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Il-Kalunja*

L-Artikolu 101(1) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"Kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha, jehel, meta jinsab hati - ... ..."*

Fin-noti tieghu, il-**Professur Anthony Mamo**[8] jghid hekk fuq dan ir-reat:
*"The constituent elements of this crime are three:*

*(i) accusation of an offence made to a competent authority;*
*(ii) Intent to harm the person accused;*
*(iii) Knowledge on the part of the accuser of the innocence of the person accused."*

Fil-kaz odjern, l-imputati talbu lill-Kummissarju tal-Pulizija – awtorita kompetenti – sabiex jindaga jekk xi persuni kienux qed jaghmluha ta' Pulizija, meta ma kienux, u jcemplu n-nies, u jekk is-CID kienux qed jabbuzaw mill-poteri taghhom billi jinterferixxu fi kwistjonijiet purament kummercjali bejn zewg kumpaniji jew billi jghinu lil Rausi jiffabbrika storja li MIB qed jiksru l-mandat ta' inibizzjoni billi jippruvaw ikellmu klijenti ta' Rausi sabiex isiru klijenti taghhom. Ghalhekk l-ewwel element tar-reat ta' kalunja huwa sodisfatt.

Dwar it-tieni element ta' dan ir-reat, u cioe l-intenzjoni li jaghmel hsara lill-persuna akkuzata, **il-Prof. Mamo** jghid hekk: *"The accuser who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Notwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused, the law could not reasonably punish the accuser who would not have acted from malice and would have merely used and not abused a right which is competent to him. ... ... The "harm" to which reference is here made may consist merely in exposing the victim to the* <u>*possibility*</u> *of criminal proceedings being taken and punishment awarded against him. Indeed in order that the crime*

[8] Ara **Notes on Criminal Law** a fol. 52 *et seq.*

*of calumny may subsist the possibility of such proceedings is essential. This does not mean that it is absolutely necessary that the accusation should indicate the person of the accused by name, it being sufficient if the information, report or complaint contain the particulars necessary to identify him."*

Issa mill-fattispecje tal-kaz odjern, ma jista' bl-ebda mod jinghad li meta kitbu l-ittra lill-Kummissarju, l-imputati kellhom l-intenzjoni malizzjuza li jaghmlu hsara lil xi persuna partikolari kapriccozament. L-imputati kienu tal-opinjoni li t-telefonati li kienu qed isiru lil klijenti taghhom minn persuni li jghidu li kienu pulizija tas-CID kienu suspettuzi u qed jikkagunaw dannu lill-kummerc taghhom, u talbu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga x'inhu jigri. Huma kienu semplicement qed jezercitaw – u mhux jabbuzaw – mid-dritt taghhom li jaghmlu rapport lill-pulizija dwar il-pregudizzju li kienu qieghdin ibatu. Ironikament kien l-istess Kummissarju tal-Pulizija li ta parir lill-avukat taghhom Dottor Raymond Zammit, sabiex jikkuntatjawh u jghidulu x'inhu jigri, halli ikun jista' jinvestiga.

Fil-fatt l-imputati jghalqu l-ittra taghhom hekk: *"Kindly you are being asked to see if your Police force CID section is truly being used to hound us and our clients in the civil and commercial interests of our competitiors and whether your police are interfering in this civil dispute between civil companies when no allegation exists regarding a breach of the criminal law. If this abuse is being committed, kindly stop it; if not kindly investigate who is posing as police officer since this is a true breach of the criminal code. May I remind you that your police force would not be enough to handle even a fraction of the allegations of breach of warrants of prohibitory injunction. I find it difficult to believe that you are doing it in our case."*

Dan juri bic-car, li l-imputati kienu qed jitolbu l-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga dawk it-telefonati li kienu qed isiru lill-klijenti taghhom, sabiex jissalvagwardjaw l-interessi kummercjali tas-socjeta taghhom – kif kellhom kull dritt li jaghmlu - u ma kellhom l-ebda intenzjoni li jaghmlu hsara lil hadd.

Inoltre, fl-ittra taghhom l-imputati ma identifikaw lill-ebda persuna partikolari – semmew is-sezzjoni tas-CID, ghaliex il-klijent taghhom Gaetano Calleja kien qalilhom li rcieva telefonata minghand persuna li qalet li kienet pulizija mara fis-CID. Relevanti huwa wkoll il-fatt, li l-imputati talbu lill-Kummissarju li jekk jirrizulta li dawn it-telefonati qed joriginaw

mis-CID, iwaqqafhom – ma talbux li jittiehdu proceduri kriminali kontra l-ufficjali tal-Pulizija involuti. Inoltre, l-imputati stess ma kienux certi li t-telefonati vera kienu qed joriginaw mis-CID, tant li fl-ittra taghhom, huma jitolbu lill-Kummissarju sabiex f'kaz li jirrizulta li dawn it-telefonati ma kienux qed joriginaw mis-CID, jinvestiga min kien qed jippoza ta' ufficjal tal-pulizija u jaghmel dawn it-telefonati.

Mis-suespost huwa car li dan it-tieni element tar-reat ta' kalunja ma giex ippruvat.

Mill-konsiderazzjonijiet fuq maghmula huwa car ukoll li lanqas it-tielet element ma gie ippruvat, u cioe dak li min jaghmel l-akkuza irid ikun jaf li l-persuna li qed jakkuza hija innocenti.

Konsegwentement, l-imputati ser jigu liberati minn din l-akkuza ta' kalunja.

*__It-Tieni Imputazzjoni – Fabbrikazzjoni ta' Evidenza__*

L-Artikolu 110(1) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi: *"Kull min bil-qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, jehel, meta jinsab hati, bhala xhud falz, bil-mod kif jinghad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu."*

Fil-kaz odjern, ma tressqet l-ebda prova li l-imputati holqu jew gieghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex tintuza bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li dik il-persuna kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.

Ghaldaqstant, l-imputati se jigu liberati wkoll minn din l-imputazzjoni.

*__It-Tielet Imputazzjoni – Simulazzjoni ta' Reat__*

L-Artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu*

*jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena."*

Dwar dan ir-reat **Prof. Mamo** jghid hekk: *"This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accustion against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged. Moreover, the crime of calumnious accusation does not, like this offence, pre-suppose the inexistence of the material fact: the offence in respect of which the information or complaint is laid or made may have in fact been committed, but there is a calumny when a person is accused thereof who is known to be innocent. (Maino, para 1094). ... ...*
*The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and in the intent to harm, directly by simulation, any other person. The motive of the agent is, almost always, to gain some particular profit for himself, as for instance to obtain time or other relief from his creditors, or to cover up a misappropriation by simulating theft or a robbery. We have already said that when the simulation of the offence is directly intended to injure another person, the crime that arises is that of false accusation or fabrication of evidence."*[9]

Din il-Qorti kkunsidrat fid-dettal meta kienet qed tikkunsidra it-tieni element tar-reat tal-kalunja, ghaliex fl-opinjoni taghha, meta kitbu l-ittra in kwistjoni, l-imputati kienu qieghdin semplicement jezercitaw – u mhux jabbuzaw – mid-dritt taghhom li jaghmlu rapport lill-pulizija dwar il-pregudizzju li kienu qieghdin ibatu, u jitolbuh jinvestigah skond il-ligi. Ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni taghmel riferenza ghal konsiderazzjonijiet taghha fuq esposti, u ghall-istess ragunijiet ma tistax tinstab htija taht l-Artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali.

[9] Ara **Notes on Criminal Law** a fol. 59 - 60.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ssib lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, u qieghda tilliberahom minnhom.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**